MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1866/2002

**Avviz Numru 1866/02 AJD**
**Olga mart Chevalier Victor Eminyan u l-istess Chevalier Victor Eminyan ghal kull interess li jisa' jkollu**

**vs**

**Emanuel Bonello u Carmen Bonello**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Awissu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija u wiehed u disghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm691.20) rappresentanti bilanc ta' prezz patwit b'Att Pubbliku tal-31 ta' Mejju 1972 fl-atti tan-Nutar Dr. George Bonello Du Puis.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk taz-zewg ittri bonarji datati 19 ta' Ottubru 2001 u 8 ta' Novembru 2001 rispettivament, u bl-imghax legali mill-31 ta' Mejju 2002 kontra l-konvenuti.

Ra n-nota ta’ ammissjoni prezentata mill-konvenut Emanuel Bonello fit-30 ta’ Settembru 2002.

Ra li l-konvenuta Carmen Bonello debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Nicolai Muscat Farrugia, in rappresentanza tal-atturi, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni tal-konvenut Emanuel Bonello u peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata fil-konfront tal-konvenuta Carmen Bonello, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta’ sitt mija u wiehed u disghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm691.20) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**